



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 18 ta' Lulju 2022
(OR. en)

11303/22

DEVGEN 151
ACP 95
RELEX 1007
FIN 794
OCDE 16
SUSTDEV 132

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

fi: 18 ta' Lulju 2022

lil: Delegazzjonijiet

Nru. dok. preċ.: 10845/22

Suġġett: Rapport Annwali tal-2022 lill-Kunsill Ewropew dwar il-Miri ta' Għajnuna
għall-Iżvilupp tal-UE
- Konklużjonijiet tal-Kunsill (18 ta' Lulju 2022)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Annwali tal-2022 lill-Kunsill Ewropew dwar il-Miri tal-UE ta' Għajnuna għall-Iżvilupp, kif approvati mill-Kunsill fit-3889 laqgħa tiegħu li saret fit-18 ta' Lulju 2022.

**Rapport Annwali tal-2022 lill-Kunsill Ewropew dwar il-Miri tal-UE ta' Għajnuna
għall-Iżvilupp
Konklużjonijiet tal-Kunsill**

1. Fis-17 ta' Ġunju 2010, il-Kunsill Ewropew talab lill-Kunsill jagħmel rapport annwali dwar l-impenji tal-UE u tal-Istati Membri u r-riżultati miksuba minnhom b'rabta mal-Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp (ODA).¹ Dan huwa t-tnax-il rapport annwali ta' dan it-tip lill-Kunsill Ewropew. Il-Kunsill jilqa' l-analiżi tal-Kummissjoni tax-xejriet fir-rigward tal-impenji kollettivi u individwali tal-UE għall-ODA, ibbażata fuq informazzjoni preliminari mill-OECD-DAC dwar l-ODA tal-2021, li tikkonferma li l-UE għadha, b'mod kollettiv, id-donatur ewlieni fid-dinja.
2. Il-Kunsill ifakkar fl-impenn tal-UE u tal-Istati Membri tagħha li jużaw b'mod effettiv kemm il-flussi finanzjarji kollha kif ukoll il-mezzi mhux finanzjarji ta' implimentazzjoni biex jinkisbu l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) u l-oġettivi tal-Ftehim ta' Pariġi, filwaqt li jenfasizza l-azzjoni domestika u politiki sodi f'konformità mal-Aġenda ta' Azzjoni ta' Addis Ababa tal-2015. Il-Kunsill jikkonferma l-impenn kollettiv u individwali tal-UE u tal-Istati Membri tagħha fir-rigward tal-finanzjament għal żvilupp sostenibbli, inkluż għall-ODA, kif stabbilit fil-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp ġdid.²

¹ Ara l-Anness għall-impenji fir-rigward tal-ODA.

² [ĠU 2017/C 210/01:Dikjarazzjoni Konġunta mill-Kunsill u r-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea](#)

3. F'xenarju ta' finanzjament dejjem aktar kumpless, l-ODA għadha taqdi rwol kruċjali bħala element importanti u katalitiku fil-finanzjament globali disponibbli biex jgħin fil-kisba tal-Aġenda 2030. L-ODA tista' tgħin biex jiġu sfruttati sorsi oħra ta' finanzjament, b'mod partikolari l-finanzjament domestiku pubbliku, il-finanzjament imħallat u l-investimenti privati sostenibbli, kif ukoll mezzi oħra ta' implimentazzjoni, bħall-appoġġ tax-xjenza u r-riċerka, it-teknoloġija, l-innovazzjoni u d-diġitalizzazzjoni.
4. L-impatt tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna jżid mal-effetti li għaddejjin tal-pandemija tal-COVID-19 u l-impatti diġà viżibbli tat-tibdil fil-klima. Huwa jaggrava l-ħtiġijiet ta' finanzjament, jipperikola serjament il-progress fl-Aġenda 2030, iżid il-faqar u l-inugwaljanzi u jikkawża insigurtà globali tal-ikel, inflazzjoni u tfixkil fil-ktajjen tal-provvista inkluż tal-fertilizzanti u l-enerġija, kif ukoll aktar ħsara kbira għal-likwidità, il-livelli tad-dejn, il-perspettiva makroekonomika u l-prospetti tat-tkabbir tal-pajjiżi. Il-Kunsill ifakkar fl-importanza tal-impenji għall-iżvilupp sostenibbli kif ukoll il-mitigazzjoni ta' kwalunkwe erożjoni tal-SDGs u l-impatt tal-aggressjoni Russa fuq il-pajjiżi sħab, b'mod partikolari dawk l-aktar vulnerabbli.
5. L-ODA globali għadha sors ewlieni ta' finanzjament għall-aktar pajjiżi fqar, b'mod partikolari għall-Pajjiżi l-Anqas Żviluppati (LDCs) u għall-pajjiżi l-aktar fil-bżonn, inkluż il-pajjiżi f'sitwazzjonijiet ta' fraġilità jew konflitt u l-pajjiżi li jbatu minn vulnerabbiltajiet relatati mal-klima, li għandhom nuqqas partikolari ta' kapaċità domestika biex isibu finanzjament minn sorsi oħra.

6. B'kont meħud ta' dan ta' hawn fuq, il-Kunsill jixtieq jirrapporta l-elementi li ġejjin lill-Kunsill Ewropew:

- a) Fl-2021, l-ODA³ kollettiva⁴ tal-UE laħqet EUR 70.2 biljun⁵, żieda minn EUR 67.3 biljun⁶ fl-2020. Din iż-żieda nominali ta' 4.3 % turi l-isforzi kontinwi, f'approċċ ta' Tim Ewropa, biex tingħata għajnuna lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw b'mod partikolari b'rispons għall-konsegwenzi tal-pandemija tal-COVID-19.
- b) L-UE u l-Istati Membri tagħha żammew il-pożizzjoni tagħhom bħala l-akbar fornitur globali tal-ODA (ara l-Figura 1), b'kontribut li jammonta għal 43 % tal-ODA globali⁷, biex b'hekk jikkonfermaw it-tmexxija tagħhom fl-aġenda globali dwar l-iżvilupp sostenibbli.

³ L-ODA kollettiva tal-UE hija s-somma tal-ODA mill-Istati Membri tal-UE u l-parti tal-ODA pprovduta mill-istituzzjonijiet tal-UE li mhix attribwita lill-Istati Membri jew lil donaturi mhux tal-UE bħar-Renju Unit. Il-biċċa l-kbira tal-infiq tal-istituzzjonijiet tal-UE fuq l-ODA hija attribwita lill-Istati Membri tal-UE, jiġifieri d-data tal-Istati Membri tinkludi parti mill-infiq tal-istituzzjonijiet. L-ODA pprovduta permezz tar-riżorsi proprji tal-Bank Ewropew tal-Investment (BEI) mhix attribwita lill-Istati Membri u hija addizzjonali għall-ODA tal-Istati Membri.

⁴ Din ma tinkludix lil Ċipru, li ma rrapporta l-ebda ODA preliminari tal-2021 lill-OECD.

⁵ Fuq il-bażi ta' ekwivalenti ta' għotja, li hija l-metodoloġija l-ġdida għall-kalkolu tal-valur tal-ODA ta' self aġevolanti, applikata għall-ewwel darba fl-2019 għad-data tal-2018 għal self uffiċjali u għal self lil istituzzjonijiet multilaterali, u mid-data tal-2020 anke għas-serħan mid-dejn. Għal aktar informazzjoni dwar il-metodoloġija l-ġdida tal-ekwivalenti ta' għotja u l-metodoloġija tal-passat li tuża bażi ta' fluss ta' flus, ara hawn: [Preliminary Figures on 2020 Official Development Assistance \(Ċifri Preliminari dwar l-Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp tal-2020\) \(europa.eu\)](#).

⁶ F'termini nominali. Innota li ċ-ċifra ta' EUR 67.3 biljun hija bbażata fuq id-data finali tal-OECD tal-2020 ippubblikata fir-rebbiegħa tal-2022, filwaqt li ċ-ċifra ta' EUR 66.8 biljun mill-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-2021 kienet ibbażata fuq data preliminari tal-OECD tal-2020 ippubblikata fir-rebbiegħa tal-2021.

⁷ L-ODA globali hawnhekk hija definita bħala li tinkludi l-ODA pprovduta mill-kollettiva tal-UE u mill-pajjiżi donaturi l-oħra kollha tal-Kumitat ta' Għajnuna għall-Iżvilupp (DAC) u dawk mhux tad-DAC. Fl-2020, il-grupp kollettiv tal-UE ammonta wkoll għal 43 % tal-ODA globali abbażi ta' din id-definizzjoni. F'Konklużjonijiet preċedenti tal-Kunsill, ġie indikat is-sehem tal-ODA kollettiva tal-UE mill-ODA totali mid-donaturi kollettivi tal-UE u d-donaturi l-oħra kollha tad-DAC (li ma jinkludux donaturi oħra mhux tad-DAC), li ammonta għal 46 % fl-2020 u li xorta kellu jammonta għal 46 % fl-2021. Għalhekk il-bidla għal 43 % f'dawn il-Konklużjonijiet tal-Kunsill ma tikkostitwixxix tnaqqis, iżda hija dovuta għall-bidla fil-metodu, li issa qed juża kamp ta' applikazzjoni aktar komprensiv tal-ODA totali.

- c) L-ODA kollettiva tal-UE rrappreżentat 0.49 % tad-Dħul Nazzjonali Gross (DNG) tal-UE; dan huwa tnaqqis żgħir mill-proporzjon ta' 0.50 % fl-2020⁸, iżda għadu sinifikament ogħla mill-medja tal-membri tad-DAC li mhumieq fl-UE, li kienet ta' 0.26 % tad-DNG fl-2021 (ara l-Figura 2).
- d) Erba' Stati Membri tal-UE qabżu l-livell limitu ta' ODA/DNG ta' 0.7 % (ara l-Figura 3 u t-Tabella 1). F'sitt Stati Membri tal-UE, il-proporzjon tal-ODA/DNG żdied, fi tnaqqis baqa' stabbli⁹, filwaqt li fi tmien Stati Membri naqas.
7. Il-Kunsill jilqa' ż-żieda fl-ODA kollettiva tal-UE fl-2021 meta mqabbla mal-2020, li hija partikolarment notevoli fil-kuntest tal-kriżi tal-COVID-19. Madankollu, il-Kunsill huwa mħasseb dwar it-tnaqqis żgħir tal-ODA/DNG kollettiv tal-UE, peress li ż-żieda nominali fl-ODA kollettiva tal-UE ma kinitx proporzjonata maż-żieda nominali għolja fid-DNG minħabba l-irkupru ekonomiku, u jafferma mill-ġdid li huma meħtieġa aktar sforzi biex jintlaħqu l-miri kollettivi u individwali u biex kollettivament jiġi pprovdut 0.7 % tad-DNG bħala ODA sal-2030.
8. Barra minn hekk, il-Kunsill jilqa' l-fatt li l-UE u l-Istati Membri tagħha għadhom l-akbar fornituri tal-ODA relatata mal-COVID-19: l-Istati Membri tal-UE pprovdew EUR 5.2 biljun (żieda nominali ta' 16.5 % mill-2020), minn EUR 16.3 biljun mill-pajjiżi donaturi kollha li rrapportaw dwar dan fl-2021 fi flussi netti. Bħala parti minn dan l-ammont, l-Istati Membri tal-UE ddedikaw EUR 1.6 biljun ta' ODA għad-donazzjonijiet tat-tilqim, li jammontaw għal 2.2 % tal-ODA totali netta tagħhom fl-2021. L-UE pprovdiet EUR 8.8 biljun ta' ODA relatata mal-COVID-19 fi flussi netti fl-2021 (żieda nominali ta' 11.1 % mill-2020).

⁸ It-tnaqqis żgħir fil-proporzjon ODA/DNG kollettiv tal-UE bejn l-2020 u l-2021, minkejja ż-żieda nominali fl-ODA, huwa spjegat mill-irkupru tal-ekonomija mill-pandemija tal-COVID-19, bid-DNG kollettiv tal-UE jiżdied b'rata ogħla mill-ODA (b' 7.6 % f'termini nominali).

⁹ Il-kelma "stabbli" hawn tirreferi għall-proporzjonijiet ODA/DNG li nbidlu b'inqas minn 0.01 punti perċentwali.

9. Il-Kunsill jilqa' wkoll l-evoluzzjoni sinifikanti tal-ODA tal-UE lil-LDCs: L-ODA kollettiva tal-UE lil-LDCs laħqet EUR 16.3 biljun fl-2020, jiġifieri 0.12 % tad-DNG¹⁰. Madankollu, il-Kunsill huwa dejjem aktar imħasseb li l-UE għadha ma laħqitx il-mira kollettiva tagħha li tipprovdi 0.15 % - 0.20 % tad-DNG lil-LDCs fil-perjodu qasir. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid il-hteġa li jżiedu urġentement l-isforzi biex tintlaħaq il-mira sabiex kollettivament jiġi pprovdut 0.20 % tad-DNG bħala ODA lil-LDCs sal-2030.
10. Il-Kunsill jenfasizza li huwa urġenti li l-UE u l-Istati Membri tagħha jieħdu azzjonijiet konkreti u verifikabbli biex iwettqu l-impenji kollettivi tagħhom biex jipprovdu 0.7 % tad-DNG u 0.20 % bħala ODA lil-LDCs sal-2030 u ser ikompli jissorvelja l-progress. Il-Kunsill ser jibqa' jirrapporta kull sena biex jagħti lok għat-trasparenza u r-responsabbiltà pubblika.
11. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid li l-kooperazzjoni għall-iżvilupp min-naħa tal-UE u tal-Istati Membri tagħha ser tibqa' mmirata fejn hemm l-akbar hteġa u fejn jista' jkollha l-akbar impatt, speċjalment f'LDCs u f'pajjiżi f'sitwazzjonijiet ta' fraġilità jew affettwati mill-konflitt, b'attenzjoni speċjali fuq in-nisa u l-bniet, u l-persuni li jinsabu f'sitwazzjonijiet vulnerabbli. F'dak ir-rigward, il-Kunsill jilqa' l-fatt li l-Programm ta' Azzjoni ta' Doha¹¹ adottat f'Marzu 2022 jintrabat li jieħu passi aktar tanġibbli biex jiġu appoġġati l-LDCs u jissottolinja l-importanza tal-impenji tal-UE, tal-Istati Membri, u tal-banek għall-iżvilupp u l-istituzzjonijiet finanzjarji Ewropej għall-implimentazzjoni tiegħu. Il-Kunsill jenfasizza l-hteġa li jiġi appoġġat it-tisħiħ tal-kapaċitajiet istituzzjonali tal-LDCs u jfakkar fil-Konklużjonijiet reċenti tiegħu dwar "Sħubija mġedda tal-UE mal-Pajjiżi l-Anqas Żviluppati".¹²
12. Il-Kunsill jenfasizza li l-ODA għandha tikkontribwixxi bis-sħiħ għall-avvanz tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, kemm permezz tal-integrazzjoni kif ukoll permezz ta' azzjoni mmirata. F'dak ir-rigward, il-Kunsill jenfasizza l-importanza ta' approċċ trasformattiv li jindirizza l-għeruq tad-disparità bejn il-ġeneri, bħad-differenza bejn il-ġeneri fil-pagi, in-nuqqas ta' opportunitajiet adegwati ta' edukazzjoni u ż-żwieġ tat-tfal, prekoċi u sfurzat, u jissottolinja li l-indirizzar tad-disparità bejn il-ġeneri u d-diskriminazzjonijiet multipli li jħabbtu wiċċhom magħhom il-persuni li huma vulnerabbli jew emarġinati huma prijorità tal-UE fl-oqsma kollha ta' azzjoni.

¹⁰ L-2020 hija l-aktar sena reċenti li għaliha hija disponibbli data kompluta. Għal spjegazzjoni dettaljata dwar il-kalkolu ta' dawn iċ-ċifri u l-bidla fil-metodoloġija tal-OECD-DAC, jekk jogħġbok ara l-isfond metodoloġiku fl-Anness.

¹¹ [Doha Programme of Action for Least Developed Countries \(Programm ta' Azzjoni ta' Doha għall-Pajjiżi l-Anqas Żviluppati\)](#)

¹² <https://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-9336-2022-INIT/mt/pdf>

13. Il-Kunsill jenfasizza wkoll il-ħtieġa li jiġu indirizzati d-diversità tas-sitwazzjonijiet u l-isfidi speċifiċi tal-pajjiżi li jiġgradwaw minn status ta' dħul baxx għal wieħed ta' dħul medju. F'konformità mal-"Kunsens Ewropew il-Ġdid għall-Iżvilupp"¹³, l-UE u l-Istati Membri tagħha ser jinvolve ruħhom f'kooperazzjoni għall-iżvilupp, fi djalogu politiku u fi sħubijiet ma' Pajjiżi b'Introjt Medju (MICs) dwar l-iżvilupp sostenibbli, il-qerda tal-faqar, l-inugwaljanzi, il-beni pubbliċi globali u interessi kondiviżi oħrajn. Fir-rigward ta' pajjiżi fil-fażi aktar avvanzata tal-iżvilupp, li jeħtieġu anqas forom aġevolanti ta' għajjnuna jew xejn, il-Kunsill ifakkar li l-UE u l-Istati Membri tagħha ser jiżviluppaw involviment innovattiv, inkluż il-kooperazzjoni finanzjarja u lil hinn minnha.
14. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza tas-sorsi kollha ta' finanzjament indirizzati fl-Aġenda ta' Azzjoni ta' Addis Ababa (pubbliku/privat, domestiku/internazzjonali) u jissottolinja l-preminenza tal-azzjoni domestika, l-importanza ta' politiki sodi u abilitanti inkluż it-tisħiħ tal-ġbir tat-taxxa fil-livell nazzjonali u l-promozzjoni tat-tassazzjoni progressiva, kif ukoll ir-responsabbiltajiet għall-partijiet ikkonċernati kollha, inkluż is-settur privat biex jgħinu li jintlaħqu l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza li s-sorsi kollha ta' finanzjament jintrabtu mal-SDGs biex jiġi promoss irkupru ekoloġiku, diġitali, inklużiv, ugwali u reżiljenti u jenfasizza l-ħtieġa li l-ODA u flussi finanzjarji oħra jiġu allinjati mal-Ftehim ta' Pariġi. B'mod partikolari, il-finanzjament sostenibbli huwa essenzjali biex jiġi mobilizzat il-kapital privat internazzjonali u domestiku għal investimenti ekoloġiċi, sostenibbli u ta' kwalità, li fl-aħħar mill-aħħar ser jgħolqu l-impjiegi b'mod partikolari għaż-żgħażaġh, f'pajjiżi sħab, inkluż bħala parti mill-inizjattiva Global Gateway. Il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli Plus u investimenti u self Ewropej oħra b'impatt fuq l-iżvilupp għandhom rwol ewlieni f'dan ir-rigward.
15. Il-Kunsill jenfasizza l-kontribut ewlieni tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp biex jintlaħqu l-oġettivi internazzjonali dwar il-klima u l-ambjent, filwaqt li jilqa', f'dan ir-rigward, id-Dikjarazzjoni konġunta tad-DAC dwar il-Klima, l-Ambjent u l-Bijodiversità qabel il-COP26 li timpenja ruħha li tallinja l-ODA mal-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi.

¹³ <http://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-9459-2017-INIT/mt/pdf>

16. Il-Kunsill ifakkar fil-Konklużjonijiet tiegħu ta' April 2021 dwar "Tim Ewropa"¹⁴ u jtenni l-
ħtieġa li jiġu kkoordinati mill-qrib it-tfassil, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-Inizjattivi ta'
Tim Ewropa. Il-Kunsill jirrikonoxxi l-importanza tal-parteċipazzjoni sinifikattiva ta' pajjiżi
sħab f'dawn l-inizjattivi.
17. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid l-impenn tiegħu għall-prinċipji għal kooperazzjoni għall-iżvilupp
effettiva miftiehma fil-kuntest tas-Sħubija Globali għal Kooperazzjoni Effettiva għall-Iżvilupp,
kif ukoll għall-Koerenza tal-Politiki għall-Iżvilupp, peress li dawn huma essenzjali biex
jintlaħqu l-SDGs.
18. Il-Kunsill jilqa' l-progress li sar fir-rigward tal-Oqfsa ta' Finanzjament Nazzjonali Integrati
(INFFs) u jenfasizza l-ħtieġa li l-INFFs ikompli jiġu appoġġati bħala approċċ komprensiv u
integrat biex jiġi mobilizzat il-finanzjament mis-sorsi kollha disponibbli biex jintlaħqu l-SDGs.
Il-Kunsill jappella għal ħidma konġunta msaħħa fil-livell tal-pajjiżi bejn l-UE u l-Istati Membri
tagħha u l-partijiet ikkonċernati internazzjonali u nazzjonali rilevanti kollha fuq l-SDGs u
b'mod partikolari l-finanzjament tagħhom u jilqa' f'dak ir-rigward it-tnedija tal-Faċilità INFF
(Oqfsa ta' Finanzjament Nazzjonali Integrati) fil-forum dwar il-Finanzjament għall-Iżvilupp
f'April 2022.
19. Il-Kunsill jilqa' t-tieni rapportar dwar l-Appoġġ Uffiċjali Totali għall-Iżvilupp Sostenibbli
(TOSSD). Filwaqt li jappoġġa r-rwol tal-ODA, il-Kunsill jissottolinja li, bħala miżura
komplementari volontarja, it-TOSSD jista' jgħin biex jitkejlu aħjar u biex jitjiebu t-trasparenza
u l-għarfien tar-riżorsi li jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030¹⁵. Il-Kunsill
jieħu wkoll nota tar-rikonoxximent mill-Kummissjoni tal-Istatistika tan-NU tat-TOSSD bħala
sors ta' data komprensiv għall-indikatur 17.3.1 il-ġdid tal-SDG¹⁶.

¹⁴ <https://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-7894-2021-INIT/mt/pdf>

¹⁵ [TOSSD Visualisation Tool \(Għodda ta' Viżwalizzazzjoni tat-TOSSD\)](#)

¹⁶ Indikatur 17.3.1: Investiment dirett barrani (IDB), għajnuna uffiċjali għall-iżvilupp u
kooperazzjoni Nofsinhar-Nofsinhar bħala proporzjon tal-baġit domestiku totali

Impenji u Miri Attwali tal-UE għall-ODA

(Konklużjonijiet tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2015 (dok. 9241/15 paragrafi 31-33))

L-UE (...) taferma mill-ġdid l-impenn kollettiv tagħha li tilħaq l-mira ta' 0.7 % ta' ODA/DNG fil-perjodu ta' żmien tal-aġenda ta' wara l-2015. L-Istati Membri li nġhaqdu mal-UE qabel l-2002 jafferma mill-ġdid l-impenn tagħhom li jilhq l-mira ta' 0.7 % ta' ODA/DNG, b'kont meħud ta' ċirkostanzi baġitarji, filwaqt li daww li laħqu dik il-mira jieħdu l-impenn li jżommu mal-mira jew jaqbuha; L-Istati Membri li nġhaqdu mal-UE wara l-2002 jaħdmu bis-siħ biex iżidu l-ODA/DNG tagħhom għal 0.33 %.

Il-komunità internazzjonali għandha tġin ukoll biex timmira r-riżorsi fejn hemm l-aktar bżonnhom, b'mod speċjali l-Pajjiżi l-Anqas Żviluppati u l-pajjiżi fi stat ta' fraġilità u konflitt. Fil-kuntest tal-impenn totali tal-ODA u filwaqt li tirrispetta b'mod siħ il-prijoritajiet individwali tal-Istati Membri fl-għajna għall-iżvilupp, l-UE ttenni l-impenn tagħha li tappoġġa l-LDCs. L-UE timpenja ruħha li kollettivament tilħaq il-mira ta' 0.15 % - 0.20 % ta' ODA/DNG għal LDCs fil-perjodu qasir, u li tilħaq 0.20 % ta' ODA/DNG għal LDCs fil-perjodu ta' żmien tal-aġenda ta' wara l-2015.

Il-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp il-Ġdid - "Id-Dinja tagħna, id-Dinjità tagħna, il-Futur tagħna" (Dikjarazzjoni Konġunta mill-Kunsill u mir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri imlaqqgħin fil-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea tas-7 ta' Ġunju 2017, paragrafu 103)


L-UE hija kollettivament impenjata li tipprova 0.7 % tad-Dħul Nazzjonali Gross (DNG) bħala ODA fil-qafas ta' żmien tal-Aġenda 2030. Biex ir-riżorsi jiġu mmirati fuq fejn hemm l-aktar bżonn, b'mod speċjali fil-Pajjiżi l-Anqas Żviluppati u fil-pajjiżi fi stat ta' fraġilità u konflitt, l-UE hija impenjata wkoll li kollettivament tilħaq il-mira ta' 0.15 – 0.20 % ta' ODA/DNG għal-LDCs fil-perjodu qasir, u li tilħaq 0.20 % ta' ODA/DNG għal-LDCs fil-perjodu ta' żmien tal-Aġenda 2030. L-UE u l-Istati Membri tagħha jirrikonoxxu wkoll l-isfidi partikolari li qed jiffaċċjaw il-pajjiżi li qed jiżviluppaw fl-Afrika. (...) Huma ser ikompli jimmonitorjaw il-progress u ser jirrapportaw kull sena biex ikun hemm trasparenza u responsabbiltà pubblika.

Aġenda ta' Azzjoni ta' Addis Ababa (approvata mill-Assemblea Ġenerali fir-risoluzzjoni tagħha 69/313 tas-27 ta' Lulju 2015, paragrafi 51 u 52)

(...) Il-fornituri tal-ODA jafferaw mill-ġdid l-impenji rispettivi tagħhom b'rabta mal-ODA, inkluż l-impenji minn bosta pajjiżi żviluppati biex jilħqu l-mira ta' 0.7 % ta' ODA/DNG u 0.15 sa 0.20 % ta' ODA/DNG lill-pajjiżi l-oħra żviluppati. Aħna nhegga minn dawk il-ftit pajjiżi li laħqu jew qabżu l-impenji tagħhom għal 0.7 % ta' ODA/DNG u l-mira ta' 0.15 sa 0.20 % ta' ODA/DNG lill-pajjiżi l-oħra żviluppati. Aħna nħeġġu lill-oħrajn kollha biex iżidu l-isforzi biex iżidu l-ODA tagħhom u biex jagħmlu sforzi konkreti addizzjonali lejn il-miri tal-ODA. Aħna nilqgħu d-deċiżjoni tal-Unjoni Ewropea li tafferma mill-ġdid l-impenji kollettivi tagħha sabiex tikseb 0.7 % tal-mira ta' ODA/DNG fil-qafas ta' żmien tal-aġenda ta' wara l-2015, u tintrabat li tilħaq kollettivament il-mira ta' 0.15 sa 0.20 % ta' ODA/DNG lill-pajjiżi l-oħra żviluppati fuq medda qasira ta' żmien, u li tilħaq 0.20 % ta' ODA/DNG lill-pajjiżi l-oħra żviluppati fiż-żmien stabbilit tal-aġenda ta' wara l-2015. Aħna nħeġġu lill-fornituri tal-ODA jikkunsidraw li jistabbilixxu mira biex jipprovdu mill-oħra 0.20 % ta' ODA/DNG lill-pajjiżi l-oħra żviluppati.

Aħna nirrikonoxxu l-importanza li niffukaw l-iktar riżorsi aġvolanti fuq dawk bl-akbar ħtiġijiet u bl-oħra kapaċità li jimmobilizzaw riżorsi oħra. F'dan ir-rigward aħna ninnutaw bi tħassib kbir it-tnaqqis fis-sehem tal-ODA għall-pajjiżi l-oħra żviluppati u nimpenjaw ruħna li nreġġgħu lura dan it-tnaqqis. Aħna nhegga minn dawk li qegħdin jallokaw mill-oħra 50 % tal-ODA tagħhom lill-pajjiżi l-oħra żviluppati.

Figura 1 – ODA kollettiva tal-UE mqabbla mal-pajjiżi donaturi mhux fl-UE fl-2021




NB: Iċ-ċifri tal-2021 huma preliminari.

NB: Iċ-ċifri jingħataw f'ekwivalenti ta' għotjiet.

NB: Ċipru ma rrapporta l-ebda data preliminari tal-ODA tal-2021 lill-OECD.

Figura 2 – ODA kollettiva tal-UE bħala % tad-DNG mqabbla mal-fornituri tad-DAC mhux fl-UE matul iż-żmien




NB: Għal kull sena, iċ-ċifri tal-kollektiva tal-UE f'din il-graff iqisu biss daww il-pajjiżi li kienu Stat Membru tal-UE f'dak iż-żmien, filwaqt li l-aggregat tad-donaturi kollha tad-DAC li mhumex fl-UE jkis biss daww il-pajjiżi mhux membri tal-UE li kienu membru tad-DAC f'dak iż-żmien. B'mod partikolari, il-Kollektiva tal-UE tinkludi lir-Renju Unit sa u inkluż l-2019 iżda mhux mill-2020 minħabba l-ħruġ tiegħu mill-Unjoni Ewropea li ġie attwat fl-1 ta' Frar 2020, u l-aggregat tad-donaturi kollha tad-DAC li mhumex fl-UE jinkludi r-Renju Unit mill-2020. Il-pajjiżi tal-G7 li mhumex fl-UE (anke donaturi tad-DAC) jintwerew ukoll individwalment.

NB: L-ammonti kollha huma f'prezzijiet attwali. Iċ-ċifri tal-2021 huma preliminari.

NB: Ċipru ma rrapporta l-ebda data preliminari tal-ODA tal-2021 lill-OECD.

Figura 3 – Diskrepanza bejn il-livelli tal-ODA/PDG tal-2021 u l-miri individwali maqbula tal-Istati Membri tal-UE u d-direzzjoni tal-bidla mill-2020 sal-2021



NB: Il-kalkoli saru bl-użu tal-prezzijiet attwali. Iċ-ċifri tal-2021 huma preliminari. Tibdiliet assoluti ta' 0.01 % jew aktar biss huma kkunsidrati bħala żieda jew tnaqqis. Din il-metodoloġija ġiet applikata b'mod konsistenti matul iż-żmien u għandha l-għan li tevita li varjazzjonijiet żgħir jitqiesu bħala żieda jew tnaqqis. L-Istati Membri li esperjenzaw żieda jew tnaqqis żgħir jidhru fost daww ikkunsidrati stabbli.

NB: Ċipru ma jidhrix peress li ma rrapporta l-ebda data preliminari tal-ODA tal-2021 lill-OECD.

Tabella 1 – ODA kollettiva tal-UE u tal-Istati Membri tal-UE mill-2011 sal-2020

Member State	2011		2012		2013		2014		2015		2016		2017		2018		2019		2020		2021		Change 2020-2021	
	EUR Million	% of GNI	EUR Million	% of GNI	EUR Million	% of GNI	EUR Million	% of GNI	EUR Million	% of GNI	EUR Million	% of GNI	EUR Million	% of GNI	EUR Million	% of GNI	EUR Million	% of GNI	EUR Million	% of GNI	EUR Million	% of GNI	Volume in EUR Million	% of GNI
Austria	799	0.27	860	0.28	882	0.27	930	0.28	1,193	0.35	1,479	0.42	1,110	0.30	990	0.26	1,099	0.28	1,117	0.30	1,234	0.31	117.04	0.0105
Belgium	2,019	0.54	1,801	0.47	1,732	0.45	1,844	0.46	1,717	0.42	2,080	0.50	1,948	0.45	1,959	0.43	1,943	0.41	2,056	0.48	2,174	0.46	117.88	-0.0166
Bulgaria	35	0.09	31	0.08	37	0.10	37	0.09	37	0.09	61	0.13	55	0.11	58	0.11	58	0.10	75	0.13	77	0.12	1.90	-0.0081
Croatia					34	0.08	54	0.13	46	0.09	37	0.07	48	0.10	67	0.13	64	0.12	68	0.13	80	0.15	12.25	0.0145
Cyprus	27	0.16	20	0.11	15	0.10	14	0.09	16	0.09	-	-	-	-	21	0.12	18	0.09	13	0.06	-	-	-	-
Czech Republic	180	0.12	171	0.12	159	0.11	160	0.11	179	0.12	235	0.14	270	0.15	259	0.13	276	0.13	262	0.13	306	0.13	43.39	0.0069
Denmark	2,108	0.85	2,095	0.83	2,205	0.85	2,264	0.86	2,313	0.85	2,142	0.75	2,172	0.74	2,195	0.72	2,281	0.72	2,327	0.72	2,431	0.70	103.93	-0.0159
Estonia	17	0.11	18	0.11	23	0.13	28	0.14	31	0.15	39	0.19	38	0.16	41	0.16	43	0.16	44	0.17	51	0.17	7.04	0.0034
Finland	1,011	0.53	1,027	0.53	1,081	0.54	1,232	0.59	1,161	0.55	958	0.44	961	0.42	834	0.36	1,010	0.42	1,122	0.47	1,214	0.47	92.54	0.0044
France	9,348	0.46	9,358	0.45	8,540	0.41	8,005	0.37	8,149	0.37	8,701	0.38	10,052	0.43	10,283	0.43	10,908	0.44	12,394	0.53	13,062	0.52	668.00	-0.0118
Germany	10,136	0.39	10,067	0.37	10,717	0.38	12,486	0.42	16,173	0.52	22,368	0.70	22,182	0.67	21,163	0.61	21,616	0.61	25,191	0.73	27,255	0.74	2,064.23	0.0067
Greece	305	0.15	255	0.13	180	0.10	186	0.11	215	0.12	333	0.19	278	0.16	246	0.13	329	0.18	286	0.17	223	0.12	-62.48	-0.0513
Hungary	100	0.11	92	0.10	97	0.10	109	0.11	140	0.13	180	0.17	132	0.11	241	0.21	279	0.21	367	0.27	385	0.29	18.08	0.0166
Ireland	657	0.51	629	0.47	637	0.46	615	0.38	648	0.32	726	0.32	743	0.32	792	0.31	870	0.32	867	0.31	988	0.31	121.55	0.0092
Italy	3,111	0.20	2,129	0.14	2,584	0.17	3,022	0.19	3,609	0.22	4,601	0.27	5,197	0.30	4,397	0.25	3,941	0.22	3,728	0.22	5,088	0.28	1,359.86	0.0586
Latvia	14	0.07	16	0.07	18	0.08	19	0.08	21	0.09	27	0.11	28	0.11	29	0.10	31	0.10	36	0.12	40	0.12	4.13	0.0008
Lithuania	37	0.13	40	0.13	38	0.11	34	0.10	43	0.12	52	0.14	53	0.13	55	0.12	60	0.13	63	0.13	70	0.13	7.25	-0.0010
Luxembourg	294	0.97	310	1.00	323	1.00	319	1.06	327	0.95	354	1.00	376	1.00	401	0.98	421	1.03	397	1.03	456	0.99	58.76	-0.0435
Malta	14	0.25	14	0.23	14	0.20	15	0.20	15	0.17	19	0.20	22	0.21	28	0.25	37	0.30	47	0.40	46	0.34	-0.42	-0.0593
Netherlands	4,563	0.75	4,297	0.71	4,094	0.67	4,200	0.64	5,162	0.75	4,491	0.65	4,399	0.60	4,795	0.62	4,727	0.59	4,702	0.59	4,471	0.52	-231.32	-0.0687
Poland	300	0.08	328	0.09	367	0.10	341	0.09	397	0.10	600	0.15	603	0.13	649	0.14	694	0.14	728	0.14	805	0.15	77.62	0.0043
Portugal	509	0.31	452	0.28	368	0.23	324	0.19	278	0.16	310	0.17	338	0.18	349	0.18	367	0.17	362	0.18	380	0.18	17.83	-0.0020
Romania	118	0.09	111	0.09	101	0.07	161	0.11	143	0.09	184	0.11	195	0.11	211	0.11	227	0.10	271	0.13	276	0.12	5.19	-0.0098
Slovak Republic	62	0.09	62	0.09	65	0.09	63	0.09	77	0.10	96	0.12	106	0.13	117	0.13	103	0.11	124	0.14	127	0.13	3.54	-0.0047
Slovenia	45	0.13	45	0.13	46	0.13	46	0.12	57	0.15	74	0.19	67	0.16	71	0.16	78	0.17	80	0.17	97	0.19	17.47	0.0141
Spain	3,001	0.29	1,585	0.16	1,769	0.17	1,415	0.13	1,259	0.12	3,819	0.34	2,271	0.19	2,449	0.20	2,629	0.21	2,621	0.23	2,995	0.25	373.94	0.0175
Sweden	4,030	1.02	4,077	0.97	4,389	1.01	4,698	1.09	6,391	1.40	4,425	0.94	4,935	1.02	5,085	1.07	4,650	0.96	5,571	1.14	5,012	0.92	-559.36	-0.2216
United Kingdom	9,948	0.56	10,808	0.56	13,461	0.70	14,519	0.70	16,725	0.70	16,325	0.70	16,060	0.70	16,446	0.70	17,309	0.70						
EU MS Aggregate	52,790	0.42	50,698	0.39	53,975	0.41	57,139	0.41	66,522	0.46	74,716	0.51	74,638	0.49	74,229	0.47	76,068	0.46	64,919	0.49	69,345	0.48	4,426.84	-0.0037
EU Institutions' ODA not imputed to EU Member States and other donors	3,453		4,544		2,873		2,131		1,372		2,750		1,926		627		-829		2,418		855		-1,563.15	
EU Collective	56,243	0.44	55,242	0.43	56,848	0.43	59,270	0.43	67,894	0.47	77,466	0.52	76,563	0.50	74,856	0.47	75,239	0.46	67,337	0.50	70,201	0.49	2,863.69	-0.0159

NB: Iċ-ċifri huma mogħtija fi flussi netti sal-2017 u f'ekwivalenti ta' għotjiet mill-2018. L-ammonti kollha huma fi prezzijiet attwali. Iċ-ċifri tal-2021 huma preliminari.

NB: Għal kull sena, din it-tabella u ċ-ċifri aggregati u kollettivi tagħha jqisu biss daww il-pajjiżi li kienu Stat Membru tal-UE dak iż-żmien. B'mod partikolari, il-Kollettiva u l-Aggregat tal-UE jinkludu lir-Renju Unit sa u inkluż l-2019 iżda mhux mill-2020 minħabba l-ħruġ tiegħu mill-Unjoni Ewropea li ġie attwat fl-1 ta' Frar 2020.

NB: Is-sinjal "-" jindika li ma ġiet irrappurtata l-ebda data tal-ODA mill-Istat Membru rispettiv għas-sena rispettiva.

Tabella 2: ODA kollettiva tal-Istati Membri tal-UE u tal-UE lill-Pajjiżi l-Anqas Żviluppati bejn l-2018 u l-2020

Member State	2018		2019		2020	
	EUR Million	% of GNI	EUR Million	% of GNI	EUR Million	% of GNI
Austria	270.1	0.07	281.3	0.07	268.2	0.07
Belgium	630.0	0.14	647.6	0.14	684.3	0.16
Bulgaria	11.8	0.02	10.7	0.02	16.3	0.03
Croatia	12.9	0.03	2.9	0.01	9.2	0.02
Cyprus	4.3	0.02	2.6	0.01	2.2	0.01
Czech Republic	54.9	0.03	57.8	0.03	54.1	0.03
Denmark	615.4	0.20	703.2	0.22	676.9	0.21
Estonia	6.6	0.03	8.2	0.03	8.2	0.03
Finland	266.1	0.11	329.2	0.14	334.0	0.14
France	2,872.2	0.12	2,607.7	0.11	3,354.8	0.14
Germany	4,199.5	0.12	3,978.6	0.11	4,999.8	0.15
Greece	50.8	0.03	44.5	0.02	42.5	0.03
Hungary	57.6	0.05	58.2	0.04	45.2	0.03
Ireland	327.1	0.13	332.9	0.12	339.1	0.12
Italy	1,116.6	0.06	1,023.6	0.06	938.9	0.06
Latvia	5.6	0.02	6.1	0.02	6.1	0.02
Lithuania	10.4	0.02	11.3	0.02	10.7	0.02
Luxembourg	189.4	0.46	190.4	0.47	183.1	0.48
Malta	2.3	0.02	1.7	0.01	1.3	0.01
Netherlands	1,145.2	0.15	1,138.0	0.14	984.0	0.12
Poland	186.7	0.04	118.7	0.02	114.0	0.02
Portugal	108.9	0.06	111.9	0.05	99.7	0.05
Romania	36.4	0.02	36.7	0.02	41.0	0.02
Slovak Republic	21.4	0.02	18.6	0.02	18.7	0.02
Slovenia	11.3	0.02	11.2	0.02	10.6	0.02
Spain	581.7	0.05	520.7	0.04	522.6	0.05
Sweden	1,623.4	0.34	1,577.8	0.32	1,726.8	0.35
United Kingdom	5,428.9	0.23	5,153.9	0.21		
EU MS Aggregate	19,847.7	0.125	18,986.1	0.12	15,492.3	0.12
EU Institutions' regional ODA known to benefit LDCs (not including UK share)					798.1	
EU Collective					16,290.5	0.12

NB: L-ammonti kollha huma fi prezzijiet attwali.

NB: Għal kull sena, din it-tabella u ċ-ċifri aggregati u kollettivi tagħha jqisu dawk il-pajjiżi li kienu Stat Membru tal-UE dak iż-żmien. B'mod partikolari, l-Aggregat tal-Istati Membri tal-UE jinkludi lir-Renju Unit sa u inkluż l-2019 iżda mhux fl-2020 minħabba l-ħruġ tiegħu mill-Unjoni Ewropea li ġie attwat fl-1 ta' Frar 2020, u l-kollettiva tal-UE lanqas ma tinkludi lir-Renju Unit fl-2021.

NB: L-OECD-DAC introduċa bidla fil-metodoloġija għall-kalkolu tal-ODA totali għal-LDCs, li tapplika għad-data tal-2020, billi inkluda l-ODA reġjonali magħrufa li hija ta' benefiċċju għal-LDCs. Għalhekk hemm waqfa fis-serje bejn l-2019 u l-2020. Għad-dettalji, jekk jogħġbok ara l-isfond metodoloġiku fl-Anness.

Sfond metodoloġiku għall-kalkolu tal-ODA għal-LDCs

Fil-passat sad-data tal-2019, l-ODA aggregata tal-Istati Membri tal-UE għal-LDCs ġiet ikkalkulata billi l-ODA netta bilaterali tal-Istati Membri lil-LDCs ġiet miżjuda mal-ODA multilaterali imputata tagħhom lil-LDCs, u b'hekk ġie evitat l-għadd doppju tal-ODA tal-istituzzjonijiet tal-UE lil-LDCs li fil-biċċa l-kbira tinkludi l-ODA multilaterali imputata tal-Istati Membri lil-LDCs mgħoddija permezz tal-istituzzjonijiet tal-UE.

Għad-data tal-2020, l-OECD-DAC introduċa element ġdid u addizzjonali fil-metodoloġija tal-kalkolu tal-ODA totali għal-LDCs: ODA reġjonali magħrufa li hija ta' benefiċċju għal-LDCs. Peress li l-ODA reġjonali tal-istituzzjonijiet tal-UE magħrufa li huma ta' benefiċċju għal-LDCs mhijiex inkluża fl-ODA multilaterali imputata tal-Istati Membri lil-LDCs, l-ODA reġjonali tagħhom magħrufa li hija ta' benefiċċju għal-LDCs (eskluż l-ammont li jista' jiġi attribwit lura lir-Renju Unit), li tammonta għal EUR 798 miljun, titqies fl-ODA kollettiva tal-UE lil-LDCs tal-2020. Minbarra l-istituzzjonijiet tal-UE, żewġ Stati Membri rrappurtaw l-ODA reġjonali magħrufa li hija ta' benefiċċju għal-LDCs: Franza (EUR 17 miljun) u l-Ġermanja (EUR 82 miljun). L-ODA reġjonali magħrufa li hija ta' benefiċċju għal-LDCs inkluża fl-ODA kollettiva tal-UE lil-LDCs għalhekk tammonta għal EUR 897 miljun b'kollox.

Fl-2020, ħames Stati Membri tal-UE laħqu jew qabżu l-mira tal-2020 ta' 0.15 % ta' ODA/DNG għal-LDCs, ara t-Tabella 2.

Għal referenza, fl-2019, l-ODA aggregata lil-LDCs tat-28 Stat Membru, u ta' 27 mill-Istati Membri tal-UE (bl-eċċezzjoni tar-Renju Unit) kienet ta' 0.12 % tad-DNG (EUR 19.0 biljun) u 0.10 % tad-DNG (EUR 13.8 biljun), rispettivament. Bħala paragun, l-ODA aggregata lil-LDCs tas-27 Stat Membru fl-2020, ibbażata fuq il-metodoloġija preċedenti, kienet tkun ta' 0.12 % tad-DNG (EUR 15.4 biljun), żieda nominali fil-volum ta' 11.3 % mill-aggregat tal-UE, bl-eċċezzjoni tar-Renju Unit, fl-2019.